FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU 2002

PULIZIJA
SPETTUR NEVILLE XUEREB
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
YOUSEF HADI ELFGHI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Yousef Hadi Elfghi ta' 28 sena bin Hadi u Herija nee Asnen imwieled Tripoli Libya (29/07/73) u li joqghod Jay, Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar detentur tal-passaport Libjan bin-numru 938119 talli f'Misrah il-Bajja San Pawl il-Bahar fis-16 t'Awissu 2001 ghal habta tal-10 ta' filghaxija flimkien ma persuni mhux maghrufa kkommetta serq ta' 1000 Dollaru Amerikan u Lm75 minn fuq il-persuna ta' Emad Othman Selini min San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1000) u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, ser jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Emad Othman Selini minn San Pawl il-Bahar kontra l-volonta tieghu.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'perezz ta' strument li jaqta u jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Emad Othman Selini minn San Pawl il-Bahar skond kif gie iccertifikat min Dr Stephen Muscat MD ta' l-isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex jgieghel lill-imsemmi Emad Othman Selini jaghmel, jhalli jsir, jew jonqos milli jaghmel, xi haga.

Talli f'dawn il-gzejjer fis-16 t'Awissu 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data, zamm u/jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u li jniggez (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli f'dawn l-ahhar xhur minghajr ma inghata permess ta' residenza nizel l-art jew kien f'Malta minghajr permess minghand l-ufficjal principali tal-Immigrazzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-30 t'April 2002 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-lum stess fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261(a)©, 267, 274(b), 275, 279(a), 334, 86, 87(g), 216(1)(a)(I)(ii)(iii)(iv)(b)(c)(d) u 217 tal-kap 9, Art 13 u 19 tal-kap 66 u At 14 u 15 tal-kap 217 u tikkundanna ghal wiehed u ghoxrin xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv u in oltre tordna t-tkeccija tieghu min dawn il-gzejjer.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.